MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 683/2002

**Paul u Jacqueline konjugi England.**

**-vs-**

**A.M. Developments Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-14 ta’ Gunju, 2002 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi fil-15 ta’ Frar 2002, kien gie ffirmat konvenju bejn l-atturi u s-socjeta’ konvenuta, li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta kienet obbligat ruhha illi tbiegh, tassenja u tittrasferixxi lill-atturi li minn naha taghhom obbligaw ruhhom illi jixtru u

jakkwistaw minn ghand is-socjeta’ konvenuta il-garage li ggib in-numru sbatax (17) minghajr l-arja tieghu li jinsab fi Triq il-Karrozzin Msida versu l-prezz ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6,000).

Illi l-konvenju in kwistjoni kellu validita’ ta’ xahar, izda il-validita’ tieghu gie estiz sal-24 ta’ Mejju 2002.

Illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tersaq ghall-pubblikazzjoni sal-kuntratt ta’ bejgh u dana minkejja illi giet interpellata permezz ta’ ittra ufficcjali.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet taghha skond il-konvenju tal-15 ta’ Frar 2002, u dana stante illi naqset milli tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt minghajr raguni valida.

2. Tikkundana lis-socjeta’ konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju ghandu jigi ffissat minn dina l-Qorti tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv abbazi tal-konvenju fuq riferit.

3. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att relattiv.

4. Tinnomina kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tas-socjeta’ konvenuta.

5. Tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi – kollox skond ma intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-24 ta’ Mejju 2002, kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fid-29 ta' Awissu, 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta A.M. Development Ltd eccepixxiet:

Illi huma jaderixxu mat-talba tal-atturi ghall-publikazzjoni tal-kuntratt u billi huma ma kienux qieghedin jirrifjuta li jadixxu ghall-kuntrat jissottomettu li l-imghax ghandhom jibdew jaghaddu mid-data ta' gheluq il-konvenju.

Illi dwar lis-spejjez dawn ghandhom jithallsu mill-attur billi l-azzjoni kienet intempestiva ghaliex il-konvenju kien jaghlaq fil-24 ta' Gunju, 2002.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Anton Camilleri, I.D 228266(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jitolbu li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata tersaq ghall-kuntratt ta' kompravendita tal-fond imsemmi fic-citazzjoni in esekuzzjoni tal-konvenju ffirmat bejn il-partijiet fil-15 ta' Frar, 2002. Is-socjeta' konvenuta fil-verita' mhux qed topponi u qed tghid biss li l-attur ghandu jigi ordnat ihallas imghaxijiet mid-data tal-konvenju u li ma ghandhiex tehel spejjes tal-kawza ghaliex din giet precipitata mill-atturi.

L-argumenti tas-socjeta' konvenuta ma tantx huma konvincenti.

L-ewwelnett il-Qorti ma tifhimx kif l-atturi jistghu jigu ordnati ihallsu l-imghaxijiet meta huma qed iharrku u mhux jigu mharrka. Kwindi ma tista’ tintalab ebda talba fil-konfront taghhom jekk mhux permezz ta’ kontro-talba – haga li s-socjeta’ konvenuta ma pproponitx. Imbaghad mill-provi lanqas jirrizulta li l-atturi kellhom xi tort li l-kuntratt ma sarx meta kellu jsir u mid-deposizzjoni tan-Nutar Liza Camilleri jidher li dan ma sarx ghal ragunijiet imputabbli lid-direttur tas-socjeta’ konvenuta, liema ragunijiet il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tirrepeti. Il-fatt li l-attur ipprezenta c-citazzjoni ghaxart ijiem qabel ma skada l-konvenju ma jfissirx li kien intempestiv, ladarba kienet cara diga’ l-intenzjoni tal-istess direttur li ma jersaqx ghall-kuntratt minhabba l-kondizzjoni li ried jimponi meta kien ser jigi pubblikat il-kuntratt. Dak li ntqal japplika ukoll ghall-kap tal-ispejjes.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tonora l-obligazzjonijiet taghha skond il-konvenju tal-15 ta’ Frar, 2002 billi naqset li tersaq ghall-kuntratt minghajr raguni valida,**

**2. tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta biex tersaq ghall pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv,**

**3. tinnomina lin-Nutar Liza Camilleri biex tippublika l-att relattiv,**

**4. u lill-Avukat Dottore Ludvic Caruana bhala kuratur tal-eventwali kontumaci fuq l-istess att;**

**5. tordna li l-kuntratt jigi pubblikat fl-edificcju tal-Qrati Superjuri nhar it-28 ta’ April, 2005 f’nofsinhar.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------